MALTA

ATT Nru. VI ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti.

ACT No. VI of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Entertainments tax Act, 1974.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

PAUL XUEREB
Aġent President

(L.S.)

23 ta' Frar, 1988

ATT Nru. VI ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Att Nru. XXI ta' l-1974.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa tad-Divertimenti, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

2. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "20% tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "10% tiegħu" u minflok il-kliem "25% tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "12½% tiegħu".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 69 tas-16 ta' Frar, 1988.

JIMMY FARRUGIA
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati